# It-Translazzjoni tal-Korp Sant ta' San Benedittu Martri fl-24 ta' Lulju 1791, min-Noti lil Predikaturi

**Kenneth Cassar**
B.A. (Hons.) History of Art

*Is-sabiħ tar-riċerka hu propju meta int u tfittex għal dak li jkollok ppjanat, tiltaqa' ma' ħafna materjal ieħor li ħafna drabi jisraqlek ħafna mill-ħin ta' dak li kont ippreparat li ser tagħmel. Hekk ġara meta Kenneth Cassar waqt riċerka li kien qiegħed jagħmel fl-arkivji parrokkjali iltaqa' ma' noti dwar il-miġja tal-korp sant ta' San Benedittu f'Ħal Kirkop. Għalkemm ħafna mid-dettalji ġew ippublikati, ħsibna li jkun ta' interess li nitkellmu ftit dwar dawn in-noti, li transcript tagħhom jidher lejn l-aħħar tal-artiklu a futura memoria – biex qatt ma jintesew, kif fil-fatt huma intitolati dawn l-istess noti.*




**L-*envelope* tal-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem**

Waqt li kont qiegħed infittex affarijiet oħra fl-Arkivji Parrokjali ltqajt ma' *envelope* tal-Istitut ta' San Ġużepp, l-orfanatrofju tal-Isqof f'Għajnsielem, Għawdex, li fih kellu noti dwar it-transalazzjoni, fi kliem ieħor il-wasla tar-relikwarju, tal-korp sant ta' San Benedittu Martri fil-Parroċċa ta' San Leonardu Abbati f'Ħal Kirkop. L-*envelope* Għawdxi hu kurjuż biss mhux neċessarjament jindika xi ħaġa partikolari għaliex jista' faċilment ġie użat mill-ġdid. L-għan ta' dawn in-noti ttajpjati hu propju dak li jiddokumentaw dan l-avveniment, tant li sa mill-bidu insibu t-titlu *A Futura Memoria*, u kif indikat fl-aħħar sentenza, dawn in-noti kienu jingħataw lil dawk li fl-okkażjoni tal-festa tal-qaddis li kienet tiġi ċċelebrata b'solennità f'Ħal Kirkop, jkunu ser jinsġu l-paniġierku għad unur San Benedittu. Dwar San Benedittu ġie ppublikat ħafna, biss xtaqna li nwaslu dan id-dokument għar-referenza ta' kulħadd.[1]



**Anonimu seklu 18, *Il-Gran Mastru Emanuel de Rohan***

In-noti jitkellmu dwar il-wasla u t-translazzjoni li saret fl-24 ta' Lulju 1791 fi żmien meta r-responsabilitajiet sekulari tal-pajjiż kienu f'idejn l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann immexxija minn Gran Mastru Emanuel de Rohan, filwaqt li dawk reliġjużi kienu f'idejn l-Isqof Vincenzo Labini, u l-Inkwiżitur Giovanni Filippo Gallettati Scotti. Il-Malti Fra Raimondo Menville kien Gran Prijur tal-Ordni filwaqt li Dun Francesco Azzopardi kien Kappillan tal-Parroċċa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop. Dan kien mgħejjun



Dettall mill-korp sa[illegible] San Benedittu Martri, qabel l-interventi ta' restawr li sarulu, lejn nofs is-seklu (Ritratt Arkivji)



Anonimu seklu 18, *L-Isqof Vincenzo Labini*, Palazz Verdala, NMFA Inv. 3139



Attribwita lil Antoine Favray [?], *Karikatura tal-Gran Prijur Raimondo Albino Menville [?]*, Palazz ta' San Anton, Attard

mill-kleru kompost minn Dun Giuseppe Cassar, Dun Vincenzo Zammit, Dun Michele Zammit Ellul u Dun Lorenzo Chircop. Bħalma nafu dan il-korp sant kien għotja ta' Papa Braschi, Piju VI fl-1790 lill-Parroċċa, bil-ħidma f'Ruma ta' Dun Giuseppe Maria Callus imwieled Ħaż Żebbuġ. Ir-relikwi waslu Malta f'kaxxa ssiġillata f'Settembru tal-1790 meta Dun Michele Zammit Ellul, il-benefattur ewlieni marbut ma' din l-għotja, ippreżenthom lill-Isqof Labini li ivverifika l-awtentiċità tas-siġilli u tal-istess relikwi. Il-kaxxa ngħalqet mill-ġdid u ingħatat lil Dun Zammit Ellul li għas-spejjeż tiegħu kkummisjona lil Dun Salvatore La Corte Pajas minn Bormla li rranġa r-relikwi f'korp skultorju b'diversi sezzjonijiet tal-ħġieġ fin li minnu jidhru l-għadam qaddis. Kollox imlibbes b'materjali irrakmati u ta' prestiġju. Dwar La Corte Pajas, in-noti jgħidu li kien imħarreġ sew f'dan ix-xogħol fix-xema u fir-rakkmu, *esercitatissimo nella formazione di statue in cera, ad accozzare le sacre Reliquie, fregiarele riccamente di roba, ricami, vetri, e di tutto quanto necessaio all'uopo*. Din il-kummissjoni metikluluża ħaditlu sa Mejju tal-1791, meta l-Isqof Labini mill-ġdid ivverifika l-awtentiċità tar-relikwi sabiex wara bagħathom Ħal Kirkop, fir-residenza tal-istess Dun Michele Zammit Ellul.

Mit-23 ta' Lulju l-korp sant ittieħed għall-venerazzjoni pubblika fil-knisja filjali ta' San Nikola ta' Bari. Għalkemm id-devozzjoni lejn dan il-qaddis baqgħet ħajja f'Ħal Kirkop, mhux l-istess jista' jingħad għall-knisja li tissemma' hawn. Din kienet tinsab fit-trejqa li tgħati għal Matriċi l-antika ta' Birmiftuħ, u nbniet grazzi għall-ġenerożità ta' Dr Nicola Mangion li kien *uditore* tal-Gran Mastru. Għall-okkażjoni, il-Knisja ta' San Nikola ġiet ornamentata kif imiss u saritilha iskrizzjoni fuq il-bieb. Intant il-knisja parrokkjali bdiet tipprepara sabiex tilqa' dan il-korp sant. B'*sontuosità* bdiet tiżżejjen għal dan avveniment storiku b'damask u tapizzeriji, bit-tron tal-Isqof u bl-armar tal-altari kollha. Saru ukoll tliet iskrizzjonijiet trijonfali għal fuq it-tliet bibien prinċipali tal-Knisja, li flimkien ma' dik ta' San Nikola ġew ippreparati mis-Senglean Dun Giuseppe Cachia mill-Oratorju ta' San Filippu f'Isla.

Iċ-ċerimonja solenni bdiet l-għada, fl-24 ta' Lulju 1791, jum il-festa ta' San Kalċidonju Martri, b'quddiesa kantata b'diversi ministri jassistu sabiex sar it-tridu u l-ewwel paniġierku ta' tifħir lil San Benedittu mill-Kappillan Azzopardi. Waqt il-funzjoni bdew jinstemgħu wkoll l-isparar tal-murtaletti sal-ħamsa ta' filgħaxija. Sabiex jakkumpanjaw din it-traslazzjoni bir-relikwi attendew



**Gaetano Calleja, *L-Isqof Vincenzo Labini,* palazzo tal-Isqof, l-Imdina**

bi ħġarhom il-Fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament bi żjieda ta' divesi membri tal-istess fratellanzi minn barra Ħal Kirkop, tant li dawn kienu jammontaw għal erba' mitt parteċipant. Bosta kienu s-saċerdoti li kkonkorrew għal din iċ-ċerimonja. In-noti jsemmu wkoll kif il-kappillani tal-parroċċi ġirien ppreżentaw ruħhom kważi f'tellieqa frenetika fil-knisja filjali ta' San Nikola sabiex jistennew il-miġja tal-Isqof Labini li kien ser jippresjedi din il-purċissjoni grandjuża, disa' snin wara li kien ikkonsagra il-knisja parrokjali. Naraw kif l-Isqof kien liebes b'vestwarju pontifikali u li kien akkumpanjat minn żewġ kanonċi tal-kapitlu tal-Kattidral. Ta' interess hu l-fatt li jakkumpanjaw din il-purċissjoni kien hemm madwar tliet mitt membru tar-reġiment tal-*falconieri*, suldati tal-kampanja, ġeneralment kaċċaturi msejħa sabiex jgħassu u jiddefendu l-pajjiż u jakkumpanjaw b'salutijiet bi xkubetti provduti mill-Ordni f'okkażjonijiet importanti. Dawn kienu mqassma f'ordni jsellmu lir-relikwi, hekk kif fil-misraħ tal-Knisja tal-Lunzjata, tpoġġew tmintax-il kanun żgħir sabiex jaħarqu s-salut mad-dawra tal-pjazza. Jissemmew *l'achibugi* li kienu dawn l-ixkubetti li jintużaw fost l-oħrajn għal ċerimonji simili, u *colomba a fuoco* li seta' faċilment kien xi tip ta' kanun tas-salutijiet. Ta' min jgħid li dan il-misraħ kien magħrufa bħala *Piazza Maggiore*, għaliex tabilħaqq kienet il-pjazza ewlenija ta' Ħal Kirkop, speċjalment qabel ma nfetaħ Misraħ San Leonardu wara t-tieni Gwerra.



***Soldato di campagnia*, parti mill-*militia* Maltija imħarġa mill-Ordni sabiex joffru servizz ta' difiża u jakkumpanjaw ċerimonji ta' salut bħal dik tat-traslazzjoni bir-relikwi ta' San Benedittu. (Ritratt: Liam Gauci)**

Il-purċisjoni bil-korp sant waqfet quddiem id-dar tal-benefattur Dun Michele Zammit Ellul li għall-okkażjoni kienet ornata daqs kappella sabiex tilqa' fiha ir-relikwi u titkanta l-antifona *Ecce Merces Sanctorum* tal-*Maestro di Cappella* Magri minn Bormla. Wara San Benedittu ddaħħal fil-knisja parrokjali fejn l-Isqof Labini kien qiegħed jippresjedi bl-abiti Pontifikali tiegħu fuq it-tron veskovili. Il-Kappillan tal-Gudja, Dun Giuseppe Raffaele Camilleri kanta l-ewwel vespri segwit minn mużika sagra oħra sabiex ftit wara ingħatat il-barka veskovili mill-Isqof li dlonk erħiela lejn il-Belt Valletta. Il-paniġierku ta' tifħir lil San Benedittu ġie minsuġ mill-Kanonku Penitenzier Dun Michele Dimech, u ċ-ċerimonja ġiet fi tmiemha bil-barka sagramentali. Hekk kif dalam inxtegħelu t-toroq u l-knisja parrokjali, probabilment b'xi fjakkoli, sabiex jingħata lok għal daqq ta' strumenti u logħob tan-nar bl-involviment tal-Balliju Dessaliar.

Fil-jumejn sussegwenti, jiġifieri t-Tnejn festa ta' San Ġakbu Appostlu u t-Tlieta festa ta'



**L-eqdem ritratt tal-korp sant ta' San Benedittu Martri, qabel ma ġie restawrat minn Wistin Camilleri, u b'mod xejn feliċi reċentement**

Sant'Anna sar quddies kantat bil-vespri. L-ewwel quddiesa, jiġifieri dik tal-25 ta' Lulju 1791 kienet ċċelebrata mill-Kanonku Penitenzier Dimech li semmejna, flimkien ma' Dun Ellul Zammit u n-neputi tiegħu d-djaknu Salvatore Zammit Xerri, li aktar tard sar Kanonku tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu. F'din l-okkażjoni l-paniġierku sar minn Dun Vittorio Cutajar, Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Safi, li wara l-ikla ta' nofsinhar kanta wkoll il-vespri u mużika oħra sabiex wara ipprietka wkoll Dun Camilleri, Kappillan tal-Gudja li ssemma' aktar 'il fuq. L-għada t-Tlieta 26 ta' Lulju 1791 il-quddiesa kantata saret mill-istess Kappillan Camilleri filwaqt li l-prietka saret mill-Kapuċċin Fra Antonio Maria. Il-vespri ta' filgħaxija tkantaw mill-Kappillan Cutajar ta' Ħal Safi u l-aħħar prietka saret minn Dun Giuseppe Cachia, il-qassis mill-Oratorju ta' San Filippu li kien responsabbli mill-kitba tal-iskrizzjonijiet. Il-funzjoni ġiet fi tmiemha b'purċissjoni solenni oħra bir-relikwi ta' San Benedittu Martri fit-tielet jum.

Naraw li matul it-tlett ijiem saru esternazzjonijiet festivi hekk kif l-inħawi tal-knisja kienu mixgħula sabiex iservu ta' sfond għal daqq ta' strumenti mużikali u logħob tan-nar li għalihom attendew bi ħġarhom numru kbir ta' nies minn klassijiet varji tas-soċjetà ta dak iż-żmien, minn sinjuri, għal nies komuni, minn qassisin sa sekulari. Tissemma wkoll li għall-okkażjoni saret inċiżjoni fir-ram ta' xbiha tal-korp sant li ġew stampati fi kwantità sabiex jitqassmu matul dawn it-tlett ijiem lil kull minn attenda għall-funzjonijiet u għaċ-ċelebrazzjonijiet li akkumpanjawhom. Jissemma wkoll li sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dawn it-tlett ijiem saru diversi ġabriet li għalihom il-poplu rrikorra sabiex jgħin lill-benefattur ewlieni, Dun Zammit Ellul li għamel tajjeb għall-ispejjeż ta' din is-solennità.

In-noti jaċċennaw ukoll li fil-vista pastorali tal-Isqof Labini tal-1793, il-Kappillan Azzopardi ilmenta għal fatt li ċ-ċwievet tar-repositorju fl-altar tal-Grazzja (u mhux fl-altar taħt il-kwadru titular bħal illum) fejn kien qiegħed jinżamm il-korp sant ma ngħatawx lilu. Labini ordna li jsiru erba' ċwievet sabiex tnejn jingħataw lill-Kappillan u t-tnejn l-oħra jinżammu mill-benefattur Dun Michele Zammit Ellul. Wara mewtu f'Mejju tal-1799, Dun Michele ħalla legat li permezz tiegħu rabat lill-eredi tiegħu sabiex iħallsu 10 skudi fis-sena mid-dħul tal-frott tar-raba' li kellu fi Sqaq l-Aħfar, sabiex isir l-festa ta' San Benedittu.



Il-korp sant ta' San Benedittu armat għal-festa tiegħu fuq l-artal maġġur, qabel nofs is-seklu 20
(Ritratt Angelo Spiteri)

Id-dokument jagħlaq b'nota li tgħid li dawn in-noti jingħataw lil dawk li jkunu ser jinsġu l-paniġierku ta' San Benedittu li l-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fl-ottava ta' San Leonardu. Dan jindika li dawn in-noti misluta minn diversi referenzi antiki, inkitbu wara 1937 meta sabiex jevita li d-damask jintrama tliet darbiet fis-sena, Dun Ġużepp Inguanez mexxa l-festa ta' San Benedittu mill-aħħar Ħadd ta' Lulju (kif kienet tiġi ċċelebrata sa mill-wasla tal-korp sant) għall-ottava ta' San Anard, iġifieri Ħadd fuq is-6 ta' Novembru.



Il-korp sant fi żmien il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri (1943-1952) war air-restawr li sarlu minn Wistin Camilleri (Ritratt: Leonard Agius, Catherine Camilleri u Joyce Tabone)

Bħal appendiċi ta' dan l-artiklu, qegħdin nippublikaw *transcript* ta' dawn in-noti għar-referenza ta' kulħadd.[2]

A FUTURA MEMORIA

Seguito e Traslazione del corpo Santo di S. Benedetto Martire la quale segui' il 26 **(24)** Luglio 1791.

Sotto il Governo del Sovrano Ordine Gerosolimitano e del Serenissimo Principe e Fr. Emmanuele De Rohan da Parigi, reggendo la Diocesi di Malta il zelantissimo Prelato Fr. D. Vincenzo Labini Arcivescovo di Rodi e Vescovo di Malta di Gitondo ed essendo Delegato della Rev Fabbrica di S. Pietro di Roma ed Inquisitore Generale contro l'eretica pravità il Prelato Mons. Gio Filippo Gallettati Scotti Milanese, Priore della Maggior Chiesa Conventuale di S. Giovanni ed Abbate Mitrato Fr. Raimondo Menville Maltese; Parroco di questo Casale Chercop il Molto Rev. Sacerdote terrazzano Sig. Don Francesco Azzopardi; suo clero i Rev di Sigri. A Giuseppe Cassar, D Vincenzo Zammit, D Michele Zammit Ellul, D Lorenzo Chircop Muscat, e Chco. Conjugato Giuseppe Pace; Segui' la veramente solemnissima Traslazione della Sacre Reliquie dell'Invitto San Benedetto Martire ottenute da Roma nel Pontificato di Pio Sesto Papa Braschi nel anno 1790, colla interposizione del Sig. Chco. Giuseppe Maria Callus, ivi commorante, Maltese di patria, nato in Casal Zebbug ossia Citta' Rohan.

Capitata la Cassa delle Sacre Reliquie nel Settembre 1790, e presentata a Mons. Arcivescovo e Vescovo Labini del Sac. D Michele Zammit Ellul per essere riconosciuti i sigilli e le Autentiche, fu aperta e riconsegnata al medesimo Sac. D. Michele per poter sotto forme di Corpo riunire le Sacre Ossa, e ridurle nella forma che si vedono indi incastrate. Indi a spese del ridetto Sac D. Michele Zammit fu incaricato il Rev. Sac. Sig. D. Salvatore LaCorte Pajas della Citta' Cospicua ossia Bormola, uomo esercitatissimo nella formazione di statue in cera, ad accozzare le sacre Reliquie, fregiarele riccamente di roba, ricami, vetri, e di tutto quanto necessaio all'uopo. Portata finalmente l'opera a perfezione nel Maggio 1791, furono dallo stesso Ordinario Mons. Labini autenticata, ed indi riposte in una cassa furono ricondotte in Casal Chercop nella Casa di abitazione del do Sacerdote Sigr. Zammit Ellul.

Di la' addi' 23 Luglio 1791 furono alla pubblica Venerazione presentate nella S. Chiesa rurale e figliale di S. Nicola di Bari eretta in detto Casale e nella strada conducente all'antica Matrice di Birmiftuh della pietà del fu Illmo Sigr. Dr. Nicola Mangion terrazzano, Uditore del Serenissimo Principe e GranMaestro dello Ordine Gerosolimitano di pari tempi, nel giorno di Sabbato la sera, dove fu piantata una Iscrezione sulla porta di detta chiesa figliale, la quale e' stata preparata cogli ornate opportuni.

La Santa Chiesa Parrochiale di questo Casale Chercop fu intanto di tutta sontuosità guernita con Damaschi e Tapezzerie, e col Trono insieme del Vescovo, ornate tutti gli altari, ed apposte tre preparate Iscrizioni trionfali sulle tre porte Maggiori della medesime Parle. Chiesa. Tutte e quattro le Iscrizioni erame opera e composizione del Revdo. Pac. dell'Oratorio di S. Filippo Neri della Citta Sengle Sigr. D. Giuseppe Cachia, nativo ed abitante nella gia' detta Citta' Senglea. Nel giorno seguente, giorno di Domenica, il 24 Luglio 1791, occorrendo la Festa Memoria di S, Calcedonio Martire, mentre nella riferita chiesa figliale di S. Nicola fu celebrata la Messa Cantata Parrocchiale con Ministri Assistenti, per farne intiero il Triduo perfetto di Solennità e dopo l'Evangelo fu recitato dal REV. Sig. Parroco Azzopardi il pmo Panigirco in lode di S. Benedetto Martire accompagnando la Funzione popolare le sparo in certe ore lo sparo dei mortaletti: la sera di detto giorno alle ore 5 pomer. unite le Congregazioni dei Consodali del SS. Rosario, e del SSmo Sacramento, con diversissimi Confratelli esteri che componevano da quattrocento Consodali, concorrendo da ogni parte numerosissimo Clero. I Sigri Parroci convincini si presentarono a gara nell'indicata Chiesa figliale aspettando l'arrivo di Mons. Vescovo Labini: Il quale appena giunto, vestitosi in abiti Pontificiali, presiedette alla gran Processione, accompagnato ed assistito da due Revmi Canonici Capitolari della Cattedrale, sui fianchi. Messa in giro ed ordinate la Processione, lungo le strade erano divisi in fila coi loro achibugi e monture i soldati di Campagna, detti allora del Falconieri, nel numero di 300, e passando la Sacra Massa delle Reliquie, facevano a proporzione la Salva; e nella piazza della Annunziata erano disposti diciotto canonetti che andavano sparando in tutto il giro.

NELL'entrata della casa del riferito Sacerdote Zammit Ellul ornate in forma di Cappella, fu riposte il Sacro Deposito, o Corpo del Martire, ove da scelta Musica fu cantata l'Antifona "ECCE MERCES SANCTORUM" composta dal Maestro di Cappella Magri di Burmol: questa finite si continuo' indi la Processione, ed arrivando in Chiesa, assistendo sotto il suo Trono Mons. Vescovo in abiti come era vestito Pontificali coi due suoi Canonici franchi, canto' i Primi Vespri il Sig. Parroco della Gudia d. Giuseppe Raffaele Camilleri, seguitato da Musica scelta e raddopiata: quali finite colla Benedizione Vescovile, Mons Vescovo ritorno' alla Valletta, e dal ravmo.Sig.Canonico Capitolare Penitenziere D. Michele Dimech fu recitato il Panigirco in lode del Martire il quale terminato fu data la Benedizione Sacramentale: e fatta notte, si fece per tutte le strade e sulla detta chiesa parrocchiale una vaga illuminazione. Che (?) da suono di musicali istrumenti fu accompagnata con un sontuosissimo fuoco artificiale che fu attaccato per mezzo della Colomba a fuoco dal Sig. Baly Dessaliar.

NEL LUNEDI' e MARTEDI' susseguenti giorni festivi ammendue, quello di S. Giacobo Apostolo, questo di S. Anna si cantarono in Musica e la Messa e li Vespri. La prima Messa quella cioe' di Lunedi' fu celebrata dal suddetto Rev. Sig. Canonico Penitenziere assistito dal Rev. Sigr. D. Michele Zammit Ellul da Diacono, e da Sud-diacono dal M. Rev. Sigr. Can Canonico di S. Paolo Naufrago, allora suddiacono, Salvatore Zammit Xerri nipote di esso D. Michele: E inter Missarum Solemnia predico' il Panigirco il M. Rev. Sigr. D. Vittorio Cutajar Parroco di Casal Safi:

il quale dopo pranzo canto' i secondi Vespri seguito dalla Musica, e questi finiti predie co' il suddetto Sig, Parroco Camilleri dalla Gudia.

NEL MARTEDI' celebro' con Musica e colli detti due Ministri Assistenti detto Sigr. Parroco Camilleri, e predico' nella Messa il Padre Capucino Fra Antonio Maria. Li secondi Vespri qdi con Musica furono cantata dal Sigr. Parroco suddetto del Sami Cutajar; e finiti predico' finalmente il Sacerdote D Giuseppe Cachia, Prete dell'Oratorio: e si fini' la funzione con una Solennissima Processione la sera del terzo giorno colla Reliquia di detto Santo Martire Benedetto.

IN OGNI sera fu l'illuminazione e quindi strumenti Musicali e fuoco artificiale: frequentandovi un foltissimo estero popolo d'ogni clase di signori e plebei di preti e secolari. Fu fatta altresi l'incisione in rame dell'immagine di S. Benedetto Martire per farsene le stampe; e stampate che furono, per tutto questo triduo continuamente sene faceva la distribuzione al Clero Papulo, paesani ed esteri concorsivi.

A FAR FRONTE a tutte queste spese il popolo colle sue limosine aveva concorso in diverse raccolete, fatte previamente alla gran Funzione, mediante l'opera e lo ingegno del benefattore D. Michele Zammit Ellul che a proprie spese compi' tutta questa solennità.

AVENDO finalmente nel 1793 nella Visita Pastorale di Mons. Labini riclamato il Sig. Parroco Azzopardi, che non erano state a lui, come Rettore, consegnate le chiavi della Cassa nell'Altare delle Grazie ove sono state riposte le Reliquie di S. Benedetto Martire; Venne ordinata la formazione di quattro chiavi, delle quali furon date due al do. Sigr. Parroco, e due altre rimasere in mano del riferito Sigr. D. Michele qual benefattore; il quale poi prevenuto alla morte nel Maggio 1799, avendo fatta per atti Giovanni Magri sotto il di' 4 del do mese donazione a suoi sorelle e nipoti, ordino' a questo di dover in perpetuo pagare scudi dieci annui in sussidio delle Festività di esso S. Benedetto Martire dai frutti di qua Clausura ta Shak l'Ehfar a cio' ipotecate, con dover essere però annualmente partecipati di tale solennita; e non avvertiti volle ed ordino' che gli scudi 10 si erogassero per quell'anno tante Messe lette; come risulta dalla seguente Copia ricavata dalla Copia autentica, ossia da fede autentica estratta dall'originale conservata nell'Archivio Parrochiale fra tante altre fedi e copie, la quale e del temore seguente: (vedi a pagina No 4 sul libro esigenziale del Corpo S. Benedetto Martire

NOTA: QUESTE NOTE SI DANNO TANTE VOLTE AL PANIGERSITA DELLA FESTA DI S BENEDETTO CHE SI CELEBRA ANNUALMENTE NELL'OTTAVARIO DI S. LEONARDO

**Referenzi**


[1] Achille Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866, facsimile ed., 1985, p.432; Alexander Bonnici, 'Kirkop - San Leonardu', in, *Il-Knejjes parrokjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom*, Vol.II, Malta, 1993, p.18; Tony Terribile, 'Il-Knisja Parrokjali ta' San Leonardu Ħal Kirkop', in, *Teżori fil-Knejjes Maltin*, Malta, 2004, p.37; Joseph Goggi, 'L-Istatwi fil-Parroċċa Matriċi ta' Ħal Kirkop', in, *Għaqda Mużikali San Leonardu – Festa 2011*, Malta, 2011, p.149; Angelo Schembri, 'Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop', in, *Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp- Ħal Kirkop*, Malta, 2012, pp.42-45; Angelo Schembri, 'Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop', in, *Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp- Ħal Kirkop*, Malta, 2012, pp.42-45; Angelo Schembri, 'Kurżitajiet fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Ħal Kirkop', in, *Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp- Ħal Kirkop*, Malta, 2013, p.41.


[2] Nirringrazzja lil Jessica Borg li ħadmet fuq dan it-*transcript* u lil Dun Noel Camilleri tad-disponibilità tiegħu waqt ir-riċerka fl-Arkivji Parrokjali.